MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 136/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Simon Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Simon Xuereb talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ April, 2001 u fl-ahhar xhur qabel din id-data:

(a) assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina (kokaina) f’dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

(b) importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (kokaina) f'Malta;

(c) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

(d) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni u esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(e) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Marzu 1997.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-

imsemmi Simon Xuereb jew huma proprjeta` tieghu, kif ukol sabiex tipprojbixxi lill-istess Simon Xuereb milli jittrsaferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imsemmi Simon Xuereb ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-20 ta' April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmi Simon Xuereb, sabitu hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza (Kap. 101), reg. 4 u 8 (illum 9) tar-Regoli ta' l-1939 (G.N. 292/1939), artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal disa' ( 9 ) snin prigunerija u kkundannatu wkoll ihallas multa ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Simon Xuereb pprezentat fit-2 ta' Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il - Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess fis-sejbien ta' htija tieghu ta' l-akkuzi kif dedotti kontrih, tvarjaha billi thassarha biss f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal disa' (9) snin prigunerija u ghall-hlas ta' ghaxart elef liri Maltin multa u minflok tinfliggi piena aktar gusta u idoneja ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 2005 fejn cahdet it-talba ta' l-appellant biex jigi nominat espert psikjatra biex jevalwa l-I.Q. ta' l-istess appellant;

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2006 fejn din il-Qorti giet infurmata li l-appellant kien intavola rikors kostituzzjonali ghal rimedju ghall-prevenzjoni tal-lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq;

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali tat-23 ta' Lulju 2007 fejn din il-Qorti giet infurmata li r-rikors kostituzzjonali msemmi kien gie rtirat;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti:

(1) l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta u inkompleta tal-ligi meta strahet unikament fuq in-nota Dok. NHSX sabiex stabbiliet il-piena nflitta b'applikazzjoni ta' l-artikoli 392A u 453A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (A) Fl-ewwel lok, skond l-appellant, ir-referenza li ghamlet l-ewwel Qorti ghall-imsemmijin artikoli 392A u 453A kienet skorretta. L-artikolu 392A japplika f'kazijiet fejn tintalab sentenza bi qbil bejn l-imputat u l-Avukat Generali quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-istadju ta' l-ezami ta' l-imputat fit-termini ta' l-artikolu 392 tal-Kap. 9. Din il-procedura ma setghetx tigi adottata f'dan il-kaz peress illi l-ordni inizjali ta' l-Avukat Generali kien illi l-appellant jigi pprocessat quddiem il-Qorti Kriminali. Jigifieri n-nota Dok. NHSX ma kellha u ma setghet qatt tigi ekwiparata ghal talba fis-sens ta' l-artikoli 392A u 453A. Inoltre fin-nota msemmija ma gewx osservati r-rekwiziti formali delineati fl-artikolu 453A. Difatti hi nieqsa l-firma ta' l-Avukat Generali li qatt ma deher quddiem l-ewwel Qorti. Konsegwentement ir-riferenza li ghamlet l-ewwel Qorti ghall-artikolu 453A(2)((3)(4)(5) kienet skorretta. (B) Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel Qorti xorta kienet skorretta meta ghazlet li tintrabat man-nota Dok. NHSX tant li cahdet talba tad-difiza sabiex jigu prodotti provi ghal finijiet ta' piena. Skond l-ewwel Qorti a tenur ta' l-artikolu 453A il-Qorti tista' tichad it-talba tal-patteggjament biss u limitatament ghar-ragunijiet indikati fl-artikolu 453(2). Pero` injorat dak li jipprovdi l-artikolu 453A(2). Fil-kaz ta' l-appellant kienet tezisti raguni valida sabiex jigi ordnat il-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi u ghalhekk sabiex l-appellant jinghata l-opportunita` jipproduci xhieda. Raguni ohra kienet li l-piena ma kinitx wahda legittima. (C) Minghajr pregudizzju ghall-premess,

l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta strahet fuq in-nota Dok. NHSX peress illi l-piena kienet tmur oltre l-parametri tal-ligi. Difatti, jghid l-appellant, il-massimu tal-multa kien ta’ Lm5,000 u l-Qorti mponiet id-doppju.

(2) L-appellant jissottometti li l-piena nflitta kienet wahda gravuza u eccessiva. (A) Jghid li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda konsiderazzjoni dwar il-mertu u l-fatti tal-kaz meta giet biex teroga l-piena. L-appellant josserva li l-piena massima li kien qieghed jiffaccja kienet dik ta’ ghaxar snin prigunerija u Lm5,000 multa. Ghalhekk il-piena ta’ prigunerija hi qrib il-massimu filwaqt li l-multa hija d-doppju permess mil-ligi. Inoltre l-appellant sa mill-bidu ta’ l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kkoopera bis-shih mal-Pulizija u dan kien jintitolah ghall-beneficcju kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap. 101. Meta kien taht arrest huwa ammetta l-involviment tieghu u ta deskrizzjonijiet u dettalji importanti ghall-investigaturi sabiex wasslu biex jittiehdu proceduri kontra terzi. Huwa zvela l-identita` tal-persuni minghand min kienet originat id-droga. Ikkonferma l-istqarrija tieghu quddiem Magistrat Inkwirenti u fil-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi kontra tieghu, ghazel volontarjament illi jiddeponi fil-proceduri kontra terzi. Ghalhekk bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101 il-piena kellha titnaqqas bi grad jew tnejn. (B) Minghajr pregudizzju, il-fatti sottostanti ghall-kaz kienu jiggustifikaw l-applikazzjoni ta’ sanzjoni aktar bilancjata, u dan ghar-ragunijiet li huwa kien bi hsiebu jipprova fl-eventwalita` li jithalla jipproduci provi in sostenn ta’ dan.

B’referenza ghall-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun jghid illi l-artikoli 392A u 453A ma kinux applikabbli f’dan il-kaz. Is-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-fatt jestendi l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 453A tal-Kap. 9 ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, u dan ghall-istadju li fih isir l-ezami ta’ l-imputat bla gurament skond l-artikolu 392(1) tal-Kap. 9. Fil-fatt il-kuncett ta’ patteggjament gie trattat fl-Appell

Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Spagnol** deciz fis-6 ta' Jannar 2005[1] fejn intqal:

**"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b'mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, iddahhal ghal-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV: 'Fuq il-Qorti Kriminali'. Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li, qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun soddisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet. Imbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qieghda tinghata tkun qieghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.**

…

**"L-artikolu 392A (5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri <u>quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti</u>**

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jason Spagnol**, 6 ta' Jannar 2005; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 12 ta' Jannar 2005; **Il-Pulizija v. Emanuel Theuma**, 19 ta' Gunju 2007.

**<u>Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati,</u> pero` f'dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.**

"**<u>Illi fl-assenza ta' disposizzjoni *'ad hoc'* li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' Gudikatura Kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplika ghalihom ukoll.</u> Ghalhekk, ghalkemm mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati l-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti, kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe` jew bil-fomm waqt l-udjenza *'in open court'* jew permezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament ipprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.**" (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fil-kaz in ezami l-Avukat Generali kien originarjament ta ordni biex l-appellant jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Sahansitra kien anke nhareg l-att ta' akkuza, inghatat sentenza fuq eccezzjonijiet preliminari mill-Qorti Kriminali u sar anke appell minn dik is-sentenza li gie debitament deciz. Izda wara li l-atti gew rimessi mill-Qorti ta' l-Appell lill-Qorti Kriminali, saru trattattivi ta' patteggjament, gie pprezentat quddiem il-Qorti Kriminali kontro-ordni ta' l-Avukat Generali biex il-kaz jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u effettivament il-Qorti Kriminali ordnat li l-inkartament jintbaghat lil dik il-Qorti. Jigifieri certament fl-istadju li fih kienu waslu l-proceduri m'hemm l-ebda dubju li ma kinux applikabbli l-artikoli 392A u 453A imsemmija. Dan ma jfissirx pero` illi ma setax ikun hemm patteggjament li jingieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatur Kriminali bil-modalitajiet imsemmija fis-sentenza appena citata.

Effettivament f'dan il-kaz fl-ewwel seduta li nzammet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Lulju 2004 sar dan il-verbal: *"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit u l-ufficjal prosekutur li nforma l-Qorti illi t-trattattivi dwar plea-bargaining waslu fil-final u hareg k/ordni pero` d-difiza tixtieq differiment qabel ma tiddikjara ruhha."* Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2004, is-Supt. Neil Harrison esebixxa bhala Dok. NHSX nota konguntiva tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-appellant fejn gie dikjarat *"li wara li ttiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern jaqblu li l-piena ta' disgha snin prigunerija u multa ta' ghaxart elef lira (apparti l-konsegwenzi l-ohra tal-piena skond il-ligi) tkun piena adegwata ghal htija ta' l-istess akkuzat."* Din in-nota giet iffirmata mis-Supt. Neil Harrison ghall-Kummissarju tal-Pulizija u minn Dott. Jose` Herrera u Dott. Michael Sciriha ghall-appellant Simon Xuereb. Fis-seduta sussegwenti, dik tas-7 ta' Dicembru 2004, id-difiza talbet ghal kull bwon fini li jittellghu *character witnesses* u li jsir *IQ test*. Il-prosekuzzjoni oggezzjonat u l-Qorti cahdet it-talba. Fl-14 ta' Dicembru 2004 saret it-trattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Frar 2005 u dakinhar mill-gdid ghall-1 ta' Marzu 2005. F'din l-ahhar seduta l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li s-sentenza ma setghetx tinghata peress illi ghalkemm l-intendiment kien car, ma kienet giet registrata ebda ammissjoni mill-imputat. Skond l-istess verbal imbaghad jirrizulta li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti u wara li l-Qorti tatu l-opportunita` jikkonsidra l-ammissjoni tieghu, huwa kkonferma l-istess ammissjoni. Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2005 il-prosekuzzjoni nformat lill-Qorti illi wara konsulti ma' l-Avukat Generali ma kellha xejn x'taggungi man-nota konguntiva tal-partijiet. Min-naha tad-difiza mbaghad insibu din id-dikjarazzjoni: *"Dr. Jose` Herrera qed jaderixxi ruhu man-nota ffirmata mill-imputat ma' l-Avukat Generali."* Jigifieri l-ewwel Qorti setghet ibbazat id-decizjoni taghha fuq in-nota konguntiva msemmija minghajr referenza ghall-artikoli 392A u 453A izda unikament fuq il-fatt li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza kienu qeghdin jaqblu mal-piena li kellha tinghata, minghajr pero` ma kellha thossha "marbuta" b'dik il-piena. Difatti tali ftehim ma setax jipprekludi lill-ewwel Qorti, ghal

xi raguni valida, milli tvarja l-piena miftehma, per ezempju jekk il-piena miftehma tkun in eccess ta’ dik stabbilita mil-ligi jew li l-piena mitluba hija baxxa wisq tenut kont tal-gravita` tal-kaz, jew li l-piena hija harxa wisq tenut kont ta’ xi cirkostanzi attenwanti li jkun hemm; jew li mas-sanzjoni jew mizura li tkun qed tintalab ma jkunx hemm sanzjonijiet jew mizuri ancillari li ghandhom jigu inkluzi bhal, per ezempju, konfiski, jew kancellament ta’ licenzji, jew il-hlas ta’ l-ispejjez peritali. Kif l-anqas ma kien jipprekludiha, kieku dehrilha opportun, milli tisma’ xi xhieda in difesa.

Issa, fl-istadju ta’ dan l-appell id-difiza talbet biss in-nomina ta’ espert psikjatriku biex jevalwa l-I.Q. ta’ l-appellant, talba li giet michuda b’digriet tal-11 ta’ Ottubru 2005. Imbaghad, proceduri kostituzzjonali li gew sussegwentement inizjati mill-appellant gew minnu rtirati. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, fil-fatt hi tal-fehma li x-xhieda li seta’ ressaq l-appellant ftit seta’ jkollhom influwenza fuq xi varjazzjoni tal-piena patteggjata. Ma jistax l-anqas jigi inosservat li n-nota konguntiva Dok. NHSX giet sahansitra ffirmata minn tnejn mid-difensuri ta’ l-appellant u d-dikjarazzjoni ta’ wiehed mid-difensuri ta’ l-appellant fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2005 li qed jaderixxi ma’ l-istess nota hi cara u inekwivoka. Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li waqt it-trattattivi li saru bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza gie kkunsidrat dak kollu li kellu jigi kkunsidrat, kemm il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija kif ukoll is-sehem tieghu fl-organizzazzjoni.

L-appellant pero` jippretendi li ghandu jigi applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101. Dak li qieghed jinsa l-appellant pero` hu li ghalkemm mill-piena ta’ disa’ snin kellha titnaqqas il-piena bi grad (bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 29 tal-Kap. 101) ghal sitt snin, peress illi l-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv, il-piena tista’ – u din il-Qorti ma tarax li m’ghandhiex – terga’ tizdied bi grad (bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9) ghal disa’ snin.

Nonostante dan, din il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta’ l-atti sabiex mic-cirkostanzi kollha rizultanti tara jekk ghandux ikun hemm temperament fil-piena ta’ prigunerija

nflitta. Fil-fehma taghha pero` ma jidher li hemm l-ebda raguni li tista' timmotivaha biex tvarja din il-piena. Wara kollox, mill-istqarrija ta' l-appellant li huwa kkonferma bil-gurament u mix-xiehda li diga` ta fi proceduri kontra terzi, huwa evidenti li huwa kellu sehem pjuttost attiv fl-ispacc tad-droga in kwistjoni.  Din il-piena tikkostitwixxi bilanc gust bejn dak li jista' jitqies favorevoli ghall-appellant, ic-cirkostanzi li fihom sehhew id-delitti in kwistjoni u l-gravita` taghhom (l-ammont ta' droga kokaina involuta kienet sostanzjali), kif ukoll il-protezzjoni li trid tinghata lis-socjeta`.

B'danakollu l-appellant ghandu ragun fuq punt wiehed, dik dwar il-multa li giet inflitta. Skond l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 il-multa hi ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87). Il-multa patteggjata kienet ta' Lm10,000 (ekwivalenti ghal €23293.73 euro). Din ghalhekk trid tonqos.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal multa ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) u minflok tikkundannah ghal multa ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, cioe` in kwantu s-sejbien ta' htija skond l-akkuza u in kwantu l-kundanna ghal disa' snin prigunerija b'dan li minn dan iz-zmien ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-appellant Simon Xuereb ghamel taht arrest preventiv. Fl-ahharnett tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li jipprovdi lill-appellant dik l-ghajnuna psikjatrika jew psikologika li talvolta tista' tkun mehtiega.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------